

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/507

tas-7 ta' April 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-perċentwali ta' dossiers ta' reġistrazzjoni li għandhom jintgħażlu għall-kontroll tal-konformità

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(7) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat li d-dossiers ta' reġistrazzjoni jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-Artikolu 41 ta' dak ir-Regolament jeħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") tagħżel perċentwali speċifiku ta' dossiers ta' reġistrazzjoni għall-kontroll tal-konformità. Dan il-kontroll jista' jwassal għal abbozz ta' deċiżjoni li jeħtieġ li r-reġistranti jissottomettu kull informazzjoni meħtieġa biex ir-reġistrazzjonijiet jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' informazzjoni rilevanti.
- (2) Kemm il-valutazzjoni mill-Aġenzija ⁽²⁾ u mill-Kummissjoni ⁽³⁾ dwar l-operat tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 kif ukoll l-istudju mwettaq mill-awtoritajiet kompetenti Ġermaniżi ⁽⁴⁾ jindikaw li x'aktarx għadd sinifikanti ta' dossiers ta' reġistrazzjoni mhumiex konformi, li jxekkel il-ksib effettiv tal-oġġettivi tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
- (3) Fir-"Rapport Ġenerali dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi", il-Kummissjoni identifikat in-nuqqas ta' konformità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni bħala kwistjoni li teħtieġ azzjoni urġenti.
- (4) Wara l-aħħar skadenza għar-reġistrazzjoni, huwa possibbli li jkun hemm ippjanar aħjar minn qabel tal-kontrolli tal-konformità abbażi tal-għarfien imtejjeb tal-għadd effettiv ta' sustanzi rreġistrati u tal-esperjenza miksuba mill-Aġenzija b'raba mal-valutazzjoni tad-dossier.

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽²⁾ Ir-rapporti ta' valutazzjoni annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u r-rapporti dwar l-operat tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006: <https://echa.europa.eu/about-us/the-way-we-work/plans-and-reports>

⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew "Rapport Ġenerali tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-REACH u rieżami ta' ċerti elementi", COM(2018) 116 final.

⁽⁴⁾ <https://www.bfr.bund.de/cm/349/data-quality-of-environmental-endpoints-in-registrations.pdf>

- (5) Wara konsultazzjoni mal-Aġenzija kif riflessa fil-pjan ta' azzjoni konġunt dwar il-valutazzjoni tar-REACH ⁽⁵⁾ maqbul mis-servizzi tal-Kummissjoni u mill-ECHA, li talab il-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Ġunju 2019 ⁽⁶⁾, il-Kummissjoni tqis li, biex tissaħħaħ il-konformità mar-rekwiżiti ta' informazzjoni rilevanti, il-perċentwali minimu tad-dossiers ta' reġistrazzjoni li jridu jiġu kkontrollati għall-konformità mal-elementi kollha elenkati fl-Artikolu 41 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jenħtieġ li jiżdied minn 5 % għal 20 % tar-reġistrazzjonijiet totali li l-Aġenzija tirċievi għal kull limitu ta' tunnellaġġ sal-iskadenza tal-2018. Dan il-perċentwali jitqies realistiku għall-Aġenzija minħabba r-riżorsi li għandha.
- (6) Fil-pjan ta' azzjoni konġunt maqbul mis-servizzi tal-Kummissjoni u mill-ECHA ġie maqbul li l-mira ta' 20 % jenħtieġ li tinkiseb sal-31 ta' Diċembru 2023, għar-reġistrazzjonijiet fil-limiti tat-tunnellaġġ ta' 100 tonnellata jew aktar fis-sena, u sal-31 ta' Diċembru 2027 għar-reġistrazzjonijiet fil-limiti tat-tunnellaġġ ta' anqas minn 100 tonnellata fis-sena, li jiġu sottomessi sal-iskadenza tal-2018.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 41(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-ewwel u t-tieni sentenzi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi kkontrollata l-konformità tad-dossiers ta' reġistrazzjoni ma' dan ir-Regolament, sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Aġenzija għandha tagħżel perċentwali ta' daww id-dossiers li ma jkunx inqas minn 20 % tat-total riċevut mill-Aġenzija għar-reġistrazzjoni fil-limiti tat-tunnellaġġ ta' 100 tonnellata jew aktar fis-sena.

Sal-31 ta' Diċembru 2027, l-Aġenzija għandha tagħżel ukoll perċentwali ta' mhux inqas minn 20 % tat-total riċevut mill-Aġenzija għar-reġistrazzjonijiet fil-limiti tat-tunnellaġġ ta' inqas minn 100 tonnellata fis-sena.

Meta jintgħażlu d-dossiers għall-kontroll tal-konformità, l-Aġenzija għandha tagħti prijorità, iżda mhux b'mod esklużiv, lid-dossiers li jissodisfaw mill-inqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' April 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽⁵⁾ REACH Evaluation Joint Action Plan - Ensuring compliance of REACH registrations - https://echa.europa.eu/documents/10162/21877836/final_echa_com_reach_evaluation_action_plan_en

⁽⁶⁾ Lejn Strateġija tal-Unjoni rigward il-Politika dwar is-Sustanzi Kimiċi - Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2019, <http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-10713-2019-INIT/mt/pdf> - il-punt 18 -